# Il-Knisja tal-Vitorja f'Birkirkara

MARIO FENECH

Waħda mill-knejjes filjali li nsibu fil-parroċċa ta' Sant'Elena f'Birkirkara hija dik li tinsab fil-parti tar-raħal magħrufha bħala ta' Ħas-Sajjied.

Ma nafux eżatt id-data tat-twaqqif tagħha, iżda tissemma' fir-rapport tal-vista partorali li kien għamel f'Birkirkara l-Isqof Mons. Duzina. Skont dan ir-rapport din il-knisja kienet ġiet mibnija fejn qabel kien hemm iċ-ċimiterju bil-kappella miegħu ddedikata lil San Anard.

Dak iż-żmien il-prokuratur tal-knisja kien ċertu Franġisk Borg li kien jieħu ħsieb li jsir l-għasar u quddiesa nhar il-festa tal-Vitorja.

Tissemma' mill-ġdid fir-rapport tal-vista pastorali li kien għamel





fir-raħal l-Isqof Mons. Cagliares fis-sena 1615. Dak iż-żmien il-knisja ma tantx kienet fi stat tajjeb u kien amar li din għandha tiġi rranġata.

Għadda ż-żmien u din il-knisja fis-sena 1615 kellha tinħatt għaliex fl-inħawi kienet infetħet barriera tal-ġebel biex minnha jinqata' l-ġebel għall-knisja l-antika li kienet qegħda tinbena fir-raħal.

Jidher li din il-knisja ġiet mibnija mill-ġdid għaliex tissemma' fil-vista pastorali li kien għamel fir-raħal l-Isqof Canaves fl-1716. Dak iż-żmien il-knisja kellha zuntier quddiemha. Fil-kwadru ta' fuq l-altar tagħha flimkien mal-figura ta' Marija Bambina kien hemm ukoll ix-xbiehat ta' Santa Katerina u San Anard.

Il-knisja bdiet tinbena mill-ġdid fis-sena 1724 u tlestiet fis-sena 1736. Fl-1760ġiet mibnija s-sagristija.

Il-knisja għandha koppla u kampnar li kien ġie mibni fis-sena 1895 bil-flus ta' ċertu Pawlu Borg. Fih hemm erba' qniepen li kienu saru l-ewwel waħda fis-sena 1909, tnejn oħra li saru mid-ditta Taylor, u l-kbira li kienet saret mid-ditta Pacard ta' Annercy ta' Franza fl-1965. L-altar tal-knisja huwa tal-irħam bi prospettiva skolpita fil-ġebla fuq stil Barokk. Il-kwadru li hemm illum sar lejn is-sena 1770 minn artist mhux magħruf. Fih naraw il-ġrajja tat-Twelid tal-Madonna.

L-istatwa tal-purċissjoni ta' Marija Bambina saret mill-istatwarju Ġużeppi Cilia. Din l-istatwa tintrama fuq bankun fil-knisja waqt il-jiem tal-festa taħt mant ta' kulur ikħal b'kuruna fuqu, raġġiera tal-fidda u b'kuruna tal-filugranu fuq rasha. Jintramaw fuq il-bankun erba' gastri tal-fidda bil-fjuretti tal-ganutell. Għandha xogħol sabiħ ta' sgraffir u induratura.

Il-knisja hija miżmuma fi sat tajjeb ħafna minn nies ta' madwarha u ssir il-festa nhar it-8 ta' Settembru.

